MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 27

15 ta' Ġunju 2021

Minuti tas-seduta FNru. 27 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret b'mod virtwali, nhar it-Tlieta 15 ta' Ġunju 2021 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

1.1 Il-Kunsillieri kollha kienu qed isegwu b'mod virtwali.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni għall-minuta 3.3.2 **(Ref: K/6/11)** tas-seduta ta' qabel u ppproponiet li din tinqara kif ġej:

*"3.3.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar aċċennat li qed ikun hemm ilmenti persistenti minn operturi ta' negozji li l-iskart riċiklabbli – l-aktar kartun tal-ippakkjar – mhux jinġabar, jew jinġabar tard fil-ġurnata. Kompliet tgħid li dan ħafna drabi jingombra l-bankini, peress li jitħalla mxerred. Għaldaqstant, l-operaturi tan-negozji għandhom jaraw li dan jintrabat jew jitpoġġa ġo borża addatata, filwaqt li meta jkun hemm ħafna, dan jitqassam fuq ġranet differenti.".*

1.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċenna għall-minuta 5.15.4. **(Ref: K/6/2/Vol V)** u talbet li tinqara kif ġej:

"*5.15.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ġibdet l-attenzjoni li fil-Miżieb jeħtieġ li tiżdied bin-on-wheel oħra ma' dik eżistenti, kemm biex tiżdied il-kapaċità, kif ukoll ħalli s-separazzjoni tkun possibbli. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummentat li hija xettika kemm se taħdem is-separazzjoni tal-iskart permezz tal-bin-on-wheels, f'postijiet għall-ikkampjar.".*

1.4. Il-minuti tas-Seduta Nru. 26, li saret fl-20 ta' Mejju 2021, ġew approvati bl-emendi skont il-minuta 1.2. u 1.3. aktar 'l fuq. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku: [Minutes List (gov.mt)]

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. PC 0025/20 – Triq ġdida bejn Dawret it-Tunnara u Triq il-Qarnit (P/5/8/Q)

2.1.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-minuta 5.19.5. tas-seduta preċedenti u għarraf li qed jitħejjew is-sottomissjonijiet sabiex jitressaq appell mid-deċiżjoni li ttieħdet mill-Kunsill Eżekuttiv tal-Awtorità tal-Ippjanar fl-20 ta' April 2021. Skont kif deċiż fil-seduta ta' qabel, ġie vverifikat li kien fadal żmien biżżejjed biex jitressaq l-appell u fil-fatt tħejjiet id-dokumentazzjoni kollha meħtieġa li jeħtieġ tiġi sottomessa sat-18 ta' Ġunju 2021.

2.1.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa ra r-rapport tal-*Case Officer*, kif ukoll l-kummenti li saru minn Transport Malta u Awtorità tar-Riżorsi u l-Ambjent (ERA), u joħroġ biċ-ċar li l-prospetti li l-appell jinqata' favur il-pożizzjoni tal-Kunsill huma remoti.

2.1.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg staqsa dwar x'wassal lill-Kunsill Eżekuttiv li rrifjuta l-istess talba – PC 0026/14. Huwa fakkar li fis-seduta tal-Kunsill tal-20 ta' April 2021 kien hemm vot ta' 4 – 3, filwaqt li kien hemm min iddikjara li vvota kontra l-approvazzjoni tat-talba peress li ma kienx hemm tibdil mill-ewwel għat-tieni talba. Fost dawk li vvutaw kontra kien hemm id-Direttur tal-Ambjent (ERA) u d-Direttur tal-Ippjanar.

2.1.5. Is-Sur I. Castillo wieġeb li fl-ewwel applikazzjoni, il-Kunsill ma kellux in-*no objection* ta' Transport Malta u l-ERA, filwaqt li fil-każ tat-tieni waħda dawn kienu hemm, u kien għalhekk li t-talba ġiet approvata. Billi il-*beachpost* f'Dawret it-Tunnara ċertament li se tibqa' fejn hi, mhemmx skop li jiġi nkoraġġit aktar traffiku f'dik il-parti tat-triq. Fid-dawl ta' dan huwa ppropona li l-appell jiġi rtirat, anke billi tali proċedura hemm marbut magħha dritt ta' madwar €2,000.

2.1.6. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar li fid-dawl tad-deċiżjoni li ttieħdet fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2021, jeħtieġ jivverika jekk it-talba għall-appell ġietx sottometta mill-perit inkarigat.

2.1.7. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li kemm-il darba t-talba tal-appell ġiet sottomessa, fid-dawl tal-punti imqajma skont il-minuti 2.1.3. u 2.1.5., għandu jintalab l-irtirar tagħha.

2.1.8. Il-Kunsill qabel li l-punti mqajma għandhom jiġu diskussi mal-perit konsulent imqabbad, u tittieħed deċiżjoni x'għandu jsir wara li jiġu evalwati l-fatti kollha.

### 2.2.1. Laqgħa mal-*Association of Maltese Campers and Outdoor Activists* (C/4/Vol VI)

2.2.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuta 5.13.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li fl-14 ta Ġunju 2021 saret laqgħa virtwali mal-president tal-Assoċjazzjoni msemmija s-Sur Carmel Micallef li kien akkumpanjat minn żewġ diriġenti oħra tal-istess assoċjazzjoni. Flimkien miegħu attendew il-Kunsillieri, I. Castillo, A. Brincat Stellini, R. Bartolo Cutajar, K. Buttigieg, u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-asso ċjazzjoni tħaddan madwar 150 membru, filwaqt li huwa kkalkulat li jeżistu 370 sid ta' caravan u *camper.*

2.2.3. Is-Sur D. Vella qal li s-Sur C. Micallef aċċenna li s-sidien tal-*caravans* u *campers* ilhom jagħmlu użu mill-parkeġġ tal-Għadira għal għoxrin sena u permezz tal-*bye-laws* inqatgħu barra kompletament. Huwa appella li jibqgħu jagħmlu mill-parkeġġ għallinqas matul ix-xhur tax-xitwa. Is-Sindku qal li huwa għamilha ċara li d-devoluzzjoni tal-parkeġġ għadha ma seħħitx, filwaqt li l-emenda tal-*bye-laws* li pprojbiet d-dħul ta' *caravans* u *campers* saret mill-Kunsill bi ftehim mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu u Projects Plus Ltd fi taqa' taħt il-Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Proġetti Kapitali.

2.2.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li apparti l-*bye-laws*, skont il-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar, il-post għandu jintuża strettament bħala parkeġġ u mhux bħala *caravan site*.

2.2.5. Il-Kunsillier I. Castillo qal li l-AMCOA aċċennaw għal postijiet oħra fil-lokalità, apparti l-parkeġġ tal-Għadira, u semmew Tal-Prajjiet, ir-Ramla tal-Bir, u il-Qortin it-Twil.

2.2.6. Il-Kunsillier A. Brincat Stellini u l-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkummentaw li l-Kunsill għandu jibqa' jsostni l-pożizzjoni tiegħu kif spejgata fis-sottomissjonijiet li saru mal-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar wara sejħa għall-konsultazzjoni dwar attivitajiet fil-beraħ. Fl-istess sottomissjonijiet kien sar aċċenn li l-lokalità m'għandhiex tibqa' titgħabba b'faċilitajiet ta' din ix-xorta, meta diġa jeżistu żoni sħaħ okkupati bi kmamar illegali.

2.2.7. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li anke d-dħul tal-*campers* jista' jagħti lok għal okkupazzjoni permanenti għaliex hemm it-tendenza li s-sidien tagħhom jarmaw l-imwejjed, siġġijiet u tined madwarhom, u għaldaqstant ikun aħjar li l-parkeġġ jibqa' jintuża bħala tali.

2.2.8. Il-Kunsill qabel li għandu jsostni l-pożizzjoni addotta fis-Seduta Nru. 25 tat-12 ta' April 2021.

## 2.3.1. Ġbir tal-iskart fejn jeżistu *bin-on-wheels* **(K/6/2/Vol V)**

2.3.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-minuta 5.15.1. tas-seduta ta' qabel dwar il-ġbir tal-iskart, partikularment fiż-żona tal-Aħrax. Huwa ppropona li l-frekwenza tat-tbattil tal-*bin-on-*wheels għandha tiġu aġġustati bil-għan li jilqgħu l-esiġenzi tas-sajf b'effett immedjat sat-30 ta' Settembru 2021. Għaldaqstant huwa ppropona li l-frekwenza tat-tbattil tal-*bins-on-wheels* fil-parkeġġ tal-Marfa; fir-Ramla tal-Bir; Ramlet il-Qortin; Ta' Maċċa, l-Armier iż-Żgħir, Ramla tat-Torri l-Abjad, u fil-parkeġġ tal-Armier, togħla għal darba kuljum mit-Tnejn sal-Ħadd. Kompla billi ssuġġerixxa li l-*bin-on-wheels* li jinsabu fiż-żoni għall-ikkampjar fl-Aħrax jitbattlu nhar ta' Tnejn u s-Sibt, filwaqt li dik illi hemm fil-*picnic site* tal-Miżieb nhar ta' Tnejn u l-Ħamis. Is-Sur J. Buttigieg qal li idejalment dan ix-xogħol isir mis-*subcontractor,* peress li huwa bbażat fil-lokalità

2.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li fis-seduta preċedenti il-Kunsill kien iddeċieda li jiġu ntrodotti erbatax il-*bins* addizzjonali sabiex issir is-serparazzjoni tal-iskart anke fejn hemm *bins-on-wheels,* fosthom fil-postijiet indikati fil-minuta preċedenti. Abbażi tal-istess deċiżjoni ġew stampati għad ta' *stickers* bil-kliem "Borża Bajda Biss" u "Borża Sewda Biss". Huwa qal li l-Kunsill għandu jkun ċar u jiddeċiedi liema triq ser jaddotta – huwiex ser iżomm is-sistema li kellu s'issa, jew li jintroduċi s-sistema tas-separazzjoni. Huwa fakkar li l-kuntrattur kien ġibed l-attenzjoni li bis-sistema tradizzjonali l-Wasteserv qed timponi r-rati marbuta mal-iskart imħallat. Is-Sur C. Debono għarraf ukoll li l-kuntrattur baqa' lura milli jpoġġi l-erbatax-il *bin-on-wheel* addizzjonali. Aċċenna wkoll li hija prerogattiva tal-kuntrattur ewlieni li jiddeċiedi lil min jassenja s-servizzi marbuta mal-*bins-on-wheels.*

2.3.4. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li l-iskart tal-*bins-on-wheels* għandu jibqa' jitħallat u jinġabar skont il-frekwenzi ndikati fil-minuta 5.15.1.

2.3.5. Il-Kunsillier I. Castillo qal li saritlu proposta sabiex jitqiegħed *bin-on-wheels* fil-Bajja tal-Mistra.

2.3.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li talba simili saret mill-ORCA Malta – Outdoor Recreation and Camping Association sabiex titpoġġa *bin-on-wheels* fi Triq l-Imġiebaħ kantuniera mat-trejqa li twassal għall-Qortin.

2.3.7. Il-Kunsill ma qabilx mas-suġġeriment skont il-minuti 2.3.5. u 2.3.6. minħabba l-abbużi li jiġu kommessi fejn diġa hemm *bins-on-wheels.* Kien osservat ukoll li l-ikkampjar fl-Imġiebaħ huwa pprojbit, filwaqt li fiż-żewġ postijiet, jeżisti servizz ta' tindif ipprovdut mill-*beachcleaners.*

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Lampa (W089) fi Triq San Luqa k/m Triq il-Parroċċa (T/3/2/Vol XVI)

3.1.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni għall-minuta 5.27.1. tas-seduta preċedenti u staqsa dwar jekk ittieħditx xi azzjoni.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li huwa tkellem mal-proprjetarju tal-fond li jinsab fi Triq San Luqa kantuniera ma' Misraħ il-Parroċċa, sabiex il-lampa W089 tiġi spusstjata eżatt fin-nofs bejn Triq it-Tramuntana u Triq il-Parroċċa, bil-għan li d-dawl ikun imqassam aħjar. L-istess persuna kellu jikkuntattjaħ lura sabiex jindika huwiex li jagħti l-kunsens tiegħu għal dan, jew le. Sad-data tas-seduta ma sar ebda kuntatt.

3.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.2.1. Asfaltar ta' Triq ir-Rattan (T/4/7/Vol III)

3.2.2. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar jekk il-Kunsill għandux tagħrif meta ser tiġi asfaltata l-parti ta' Triq ir-Rattan, bejn Triq Ta' Masrija u Triq l-Iżbark tal-Franċiżi.

3.2.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li xi sentejn qabel, Infrastructure Malta kienet assenjat l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett u anke saret applikazzjoni ma' Transport Malta għall-permess. Minkejja dan, ix-xogħlijiet għadhom ma sarux.

### 3.3.1. Kuntratt dwar il-Parki u Ġonna (K/6/3/Vol III)

3.3.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li l-arbuxxelli u siġar eżistenti f'Taraġ is-Sejjieħ, fi Ġnien tal-Pellegrini, f'Misraħ tas-Salib, u fil-Beleveder ta' Selmun, jeħtieġu attenzjoni.

3.3.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ħa nota dwar Taraġ is-Sejjieħ, filwaqt illi aċċenna li l-Belvedere ta' Selmun huwa fi stat tajjeb, peress li riċentement sar xi xogħol fiħ mill-ħaddiema tal-Kunsill. Fir-rigward ta' Ġnien il-Pellegrini inbidel it-taraġ tal-qawwi u saru fanali ġodda.

3.3.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, ikkummenta li fi każ ta' Misraħ tas-Salib u l-Ġnien tal-Pellegrini huwa diffiċli li jitrawmu pjanti, peress li ma fihomx sistema ta' irrigazzjoni. Fil-każ ta' Misraħ tas-Salib, huwa ppropona li f'Ottubru jiġi kkunsidrat l-introduzzjoni ta' pjanti ndiġini bħal huma l-*metrosideros*, *erica*, u *kalisteron*.

3.3.5. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna li l-qsari li jinsab fi Taraġ Snajjin / Triq il-Mezez jeħtieġu attenzjoni f'dak li huwa pjanti u żebgħa tal-qsari.

3.3.6. Ittieħdet nota tal-minuta 3.3.5. għall-azzjoni meħtieġa.

### 3.4.1. Kontroll fuq l-użu tal-*bring-in site* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (K/6/10/Vol IV)

3.4.2. Il-Kunsillier E. Bartolo nnota li riċentement huwa osserva illi qed titħalla kwantità ta' skart qrib il-kontenituri. Huwa qal li dan jista' ikun kawża tal-fatt li l-istess kontenituri jdumu ma' jitbattlu mill-iskema. Is-Sur E. Bartolo talab li tinġieb statistika dwar notifiki ta' kontravvenzjonijiet li nħarġu fl-aħħar xahar.

3.4.3. Il-Kunsillieri A. Brincat Stellini u R. Bartolo Cutajar wieġbli li l-kontenuturi qed jitbattlu b'mod regolari, iżda xi nies xarta waħda jippreferi li jħallu l-iskart fl-art.

3.4.4. Il-Kunsill qabel li għandha tinkiseb statistika mil-LESA li tkopri l-aħħar xahar. (T/4/7/Vol III)

### 3.5.1. Xogħlijiet f'Dawret it-Tunnara (T/4/7/Vol III)

3.5.2. Il-Kunsillier G. Micallef irrefera għax-xogħlijiet li għaddejjin fil-parti ta' Dawret it-Tunnara, bejn Triq is-Sajjieda u Triq it-Trill. Huwa staqsa dwar jekk il-ħajt tat-triq huwiex ser jibqa' kif kien ippjanat, u t-triq hijiex ser titwessa'.

3.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono fakkar li Infrastructure Malta ikkonfermat li t-triq ser tibqa' bl-istess wisa', filwaqt li l-għoli tal-ħajt ser jitnaqqas minn 1.10 metru għal 1.0 metru.

3.5.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li t-tagħrif skont il-minuta 3.5.2. kienet ikkonfermat ukoll permezz ta' tweġiba għall-mistoqsija parlamentari Nru. 21414 mogħtija fit-2 ta' Ġunju 2021

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 11/05/21 – 10/06/21
- *Purchase Request Form* – 11/06/21;
- Skeda ta' Pagamenti – 10/05/21 – 12/06/21;
- Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2021;
- Kumitar Reġjonali Tramuntana – Minuti – 21/05/21
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Konferenza *"Europe for Cooperation and Solidarity"* (P/10/39)

5.1.2. Saret referenza għal imejl datat 9 ta' Ġunju 2021, fejn il-kordinatur tal-proġett msemmi stieden lill-Kunsill jinnomina erba' delegati sabiex jieħdu sehem f'konferenza li ser tiżvolġi bejn l-5 u d-9 ta' Awwissu 2021 f'Castiglione in Teverina fl-Italja. Din ser tkun iffinanzjata minn fondi Ewropej permezz tal-programm Europe for Citizens. Delegazzjonijiet oħra mistiedna huma Herrera del Duque (Spanja); Lanskroun (Repubblika Ċeka);Trittau (Ġermanja); Herceg Novi (Montenegro), Deryneia (Ċipru); u Rapashuta (Unġerija).

5.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-organizzaturi talbu wkoll dettali dwar jekk il-persuni nominati humiex imlaqqmin kontra l-Covid-19, kif ukoll fuq it-tip ta' akkomodazzjoni li jeħtieġu.

5.1.4. Billi ma kienx hemm membri tal-Kunsill li kienu ċerti jekk jistgħux jattentu jew le, ġie deċiż li għandu jitħalla sat-18 ta' Ġunju 2021, sabiex tkun tista' tingħata tweġiba definittiva.

### 5.2.1. Spusstjar ta' *pedestrian crossing* fi Triq il-Marfa (T/3/2/Vol XV)

5.2.2. Is-Segretarju Eżekuttiv rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet sabiex tiġi spusstjata il-*pedestrian crossing* li hemm fi Triq il-Marfa, bejn Sqaq Stejfen u Dawret il-Mellieħa. Huwa għarraf li l-kuntrattur fuq id-dwal tat-toroq għadda stima li tammonta €18,652 bil-VAT inkluża.

5.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-istima mogħtija hija waħda eżorbitanti u għalhekk kien tal-fehma li għandu jiġi rivedut.

### 5.3.1. Qtugħ ta' ħaxix minn passaġġi rurali qabel Mejju (T/6/3)

5.3.2. Saret referenza għal imejl datat 8 ta' Ġunju 2021 mill-Assoċjazzjoni tan-Naħħala Malta fejn appellaw lill-Kunsill jiffirma *memorandum* ta' ftehim li permezz tiegħu jintrabtu li ma jitneħħiex il-ħaxix selvaġġ mill-passaġġi rurali sal-31 ta' Mejju ta' kull sena. Dan bil-għan li n-naħal ikollhom fejn jirgħu u hekk jiġi żgurat li l-produzzjoni tal-għasel tkun ta' kwalità tajba. It-test tal-ftehim kien mehmuża mal-korrispondenza.

5.3.3. Ġie nnutat li l-kuntratt tat-tindif ta' toroq mhux urbani huwa limitat għal dawk li huma toroq asfaltati. Minkejja dan il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv jiffirmaw il-*memorandum*.

### 5.4.1. PA 3262/21 – Tqegħid ta' imwejjed u siġġijiet quddiem Nru. 9 Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (T/4/10/Vol II)

5.4.2. Saret referenza għall-applikazzjoni mressqa lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jitpoġġew tliet imwejjed b'żewġ siġġijiet u erba' imwejjed oħra b'erba' siġġijiet ma' kull waħda. Ġie spjegat ukoll li t-talba tinvolvi t-twaħħil ta' tabella mdawwla.

5.4.3. Konsistentement ma' talbiet simili, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għall-proposta. bil-kundizzjonijiet segwenti:

(a) Ma jsirux tined li jinfetħu u jingħalqu;

(b) It-tabelli li jsiru għandhom preferibbilment ikunu tal-injam li jmur mal-madwar, peress li l-post in kwistjoni jinsab fil-qalba taż-żona għall-konservazzjoni urbana (UCA);

(c) L-umbrellel li jintramaw m'għandhomx ikollhom riklamar fuqhom;

(d) L-area li tiġi okkupata mill-imwejjed u s-siġġijiet għandha tkun limitata għal dik indikata fuq il-pjanta Doc 1c, inkluża mas-sottomissjonijiet li saru mill-applikant ma' l-Awtorità tal-Ippjanar;

(e) L-għamara għandha titpoġġa direttament fuq il-pavimentar mingħajr l-użu ta' pjattaforma, filwaqt li l-istess pavimentar m'għandu bl-ebda mod jiġi disturbat;

(f) L-aċċess bil-vetturi għandu jkun projbit;

(g) M'għandhiex issir preparazzjoni ta' ikel fil-beraħ; u

(h) Li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom d-dritt li jneħħu kull għamara minħabba raġunijiet ta' sigurtà u f'okkażjonijiet speċjali.

### 5.5.1. Sigurtà għat-tfal tal-iskola fi Triq Qasam Barrani (T/3/2/1/Vol XVI)

5.5.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għad-diskussjoni li kien hemm fis-Seduta Nru. 25 tat-12 ta' April 2021, meta ġie deċiż li għandha tintalab rikonsiderazzjoni tat-talba dwar l-introduzzjoni ta' *pedestrian crossing*. Permezz ta' imejl tat-28 ta' Mejju 2021, Transport Malta baqgħu jssostnu il-pożizzjoni tagħhom u qed jirrakkomandaw li l-Kunsill Lokali jipproponi pjan olistiku għall-immaniġġjar tat-traffiku b'modd li *pedestrian crossing* tkun tolqot aktar minn binja waħda. Inġibdet l-attenzjoni li tali pjan kien sar flimkien mal-istess Awtorità fl-2014.

5.5.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir laqgħa fuq il-post.

### 5.6.1. Skema tal-LESA dwar Proġetti fil-Komunità (F/1/7/Vol V)

5.6.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-preżentazzjoni li saret mill-Ministru tal-Intern, Sigurtà Nazzjonali u Infurzar tal-Liġi fit-13 ta' Ġunju 2021 fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li ser jibbenefika minn għotja ta' €16,500. Il-Kunsill ġie mfakkar li t-talba kienet tinvolvi l-installazzjoni ta' CCTV cameras fi Triq Ġorġ Borg Olivier, fost postijiet oħra. Huwa aċċenna li kien hemm 41 applikazzjoni u ntgħażlu 20.

5.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-proġett kollu huwa stmat li jiswa €83,489 u s-sejħa għall-offerti mistenni li toħroġ fil-ġimgħat li ġejjin.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u awtorizza l-ħruġ tas-sejħa għall-offerti.

**5.7.1. Skema-2021-2022 dwar l-ingaġġ ta' Uffiċċjal tal-Komunita *"Steward"* għat-Trattament Xieraq tal-Annimali biex jaħdem fil-Lokalitajiet (A/9)**

5.7.2. Saret referenza għal imejl mibgħut mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali tat-3 ta' Ġunju 2021 dwar ċirkulari maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, s-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali u l-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali rigward skema għall-Ingaġġ ta' *Community Steward* għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Il-formola tal-applikazzjoni titlob li l-i*steward* jingħata direzzjoni mill-kunsillier rigward il-konfini tal-lokalita u kif għandu iqassam ix-xogħol tiegħu matul il-Gimgħa. Id-data tal-għeluq hija l-25 ta' Ġunju 2021.

5.7.3. Il-Kunsillier M. Abela spjega li id-doveri tal-*Community Steward* jistgħu jkunu s-segwenti:

- Edukazzjoni lir-residenti dwar materji li jolqtu t-trobbija ta' pets fil-konfini ristretti ta' residenzi urbani;
- Sorveljanza ta' annimali mħollija barra bla kenn adekwat mill-elementi, partikularment f'żoni rurali;
- B'kollaborazzjoni mal-Pulizija tal-Komunità jsir kuntatt ma' sidien ta' annimali li jikkawżaw inkonvenjent f'żoni urbani;
- Identifikazzjoni ta' postijiet fejn jistgħu jintlaqtu annimali b'vetturi f'toroq rurali (eż: qniefed eċċ);
- Assistenza fil-loġistika biex jittieħdu qtates għat-tiswija għand il-veterinarji;
- Addozzjoni ta' pets abbandunati mis-sid oriġinali tagħhom, li jkunu miżmuma f'santwarji; u
- Għajnuna biex jitjiebu il-faċilitajiet eżistenti għaż-żamma u l-kura tal- Annimali;

5.7.4. Il-Kunsill approva s-sottomissjoni tal-applikazzjoni skont il-minuta 5.7.3.

**5.8.1. Inizjattiva meħuda mill-MSPCA (A/9)**

5.8.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar rreferiet għal imejl datat 17 ta' Mejju 2021 mibgħut mill-*Malta Society for the Prevention of Cruelty to Animals* fejn għarrfu li fix-xhur tas-sajf jixtiequ jarmaw stand fl-Għadira u fil-Bajja tal-Mixquqa minn fejn ibiegħu ħwejjeġ użati, u bil-fondi jsostnu l-inizjattivi li jieħdu għal ħarsien tal-annimali. Huma lesti wkoll jestendu din il-preżenza anke waqt attivitajiet li jorganizza l-Kunsill.

5.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.9.1. Restawr tat-Torri l-Abjad (A/6/7/1/Vol II)**

5.9.2. Is-Sindku D. Vella għarraf li huwa ġie mistieden mill-HSBC Malta Foundation sabiex jattendi għall-preżentazzjoni tar-restawr li sar bil-fondi li ngħataw, liema attività saret fuq il-post fid-9 ta' Ġunju 2021. Waqt li kien hemm huwa appella lid-diriġenti tas-soċjetà Din l-Art Ħelwa sabiex jisdietnu lill-membri kollha tal-Kunsill bil-għan li jaraw ix-xogħol li sar fuq it-torri.

5.9.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini esprimiet id-diżappunt tagħha għall-atteġġjament tas-soċjetà meta t-torri huwa devolut lill-Kunsill, li kien għas-spejjeż tiegħu ngiebu l-permessi sabiex ikun jista' jsir ir-restawr u jintuża għall-attivitajiet tagħhom bis-saħħa ta' *management agreement*. Hija qalet ukoll li għandu jsir kuntatt mas-soċjetà dwar dan in-nuqqas, kif ukoll sabiex il-Kunsill jiġi nfurmat bil-pjanijiet li hemm dwar it-torri.

5.9.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li lanqas hija ma kienet mistiedna tattendi minkejja li hija responsabbli mill-qasam tal-wirt storiku.

5.9.5. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg fakkar li DLĦ diġa stiednet lill-Kunsill jara x-xogħol tar-restawr li kien sar fil-pjan terren tat-torri. Huwa qal li n-nuqqas indikat fil-minuta 5.9.3. aktar 'il fuq jista' jkun ġej minn tibdil fid-direzzjoni tas-soċjetà. Huwa qabel li l-Kunsill kellu jingħata iktar viżibilità waqt l-attività li saret.

**5.10.1. Estensjoni tal-lukanda Solana** **(P/5/8/S)**

5.10.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg aċċenna għall-applikazzjoni PA 3327/21 li tinvolvi l-estensjoni tal-lukanda eżistenti biex tinkludi 4 livelli tal-kantina u 8 sulari 'il fuq mil-livell tat-triq. L-estensjoni tipprovdi għal 63 kamra addizzjonali, ristorant tal-Klassi 4D u 36 spazju ġdid għall-parkeġġ. Il-proposta għandha tinvolvi wkoll alterazzjonijiet fuq ġewwa tal-lukanda eżistenti li jinkludu; id-disinn mill-ġdid tal-faċċata li tħares fuq Triq Dun Frangisk Sciberras, iż-żieda ta' pixxina baxxa fil-livell tas-saqaf, il-kostruzzjoni ta' taraġ intern u t-tkabbir ta' xi kmamar li jħarsu fuq Triq Sammy Bartolo.

5.10.3. Il-Kunsill osserva li għalkemm l-estensjoni hija sinifikanti, id-domanda għall-parkeġġ ser jagħmel tajjeb għaliha l-iżviluppatur billi jipprovdi spazju għall-36 vettura li huwa parti mit-talba. Kien osservat li hija kwistjoni ta' infurzar tal-kundizzjonijiet imposti biex dan l-ispazju fil-fatt jibqa' jintuża bħala parkeġġ.

**5.11.1. Benefiċċji b'riżq il-lokalità marbuta mal-*loyalty scheme* tal-Valyou Supermarket** **(K/16)**

5.11.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għal imejl datat 31 ta' Mejju 2021, mibgħut minn Retail Marketing Ltd, fejn ipproponew li l-*loyalty scheme* li għandhom fis-seħħ għal klijenti tal-Valyou Supermarket tibbenifika minnha l-lokalità billi jsir titjib f'postijiet pubbliċi. Għaldaqstant intalbet laqgħa sabiex jiġi spjegat kif din l-iskeda tista' tiġi mħaddma bit-trasparenza li titlob.

5.11.3. Il-Kunsill qabel li għandu jinkiseb aktar tagħrif dwarha.

**5.12.1. Servizz dwar tindif ta' toroq urbani** **(T/4/5/Vol IV)**

5.12.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar tenniet li l-istat tal-indafa ta' ċerti toroq jista' ikun aħjar, forsi biż-żieda ta' kennies ieħor jew tnejn minħabba t-tul ta' toroq involuti. Hija qalet li wieħed minnhom ikun dejjem okkupat bit-toroq ewlenin u jibqa' wieħed għat-toroq l-oħra. Aċċenna li lokalitajiet bħal Ħaż-Żabbar huma servuti b'erba' kenniesa.

5.12.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li apparti t-toroq ewlenin, fil-kuntratt hemm stipulat frekwenza ta' darba fil-ġimgħa triq, triq. Din kienet parti mis-sejħa, bil-għan li l-kuntrattur ikun jaf għalxiex daħal. Huwa kkummenta li ma jarax li b'mod ġenerali hemm xi problemi f'dan ir-rigward. Qal ukoll li żieda fin-numru ta' kenniesa jżid l-ispiża u mhux neċessarjament ifisser li jitjieb il-livell ta' indafa fit-toroq.

5.12.4. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni fuq il-ħtieġa li jsir skrutinju mill-*Contracts Manager* rigward aderenza mal-iskedi stabbiliti fil-kuntratt, kif ukoll jiġi verifikat li iż-żewġ ħaddiema assenjati jkunu verament okkupati biex tiġi osservata l-iskeda. L-esperjenza wriet li l-problemi kienu marbuta ma' nuqqas ta' superviżjoni.

**5.13.1. Tindif volontarju mill-membri tal-Kunsill** **(T/6/1/Vol IV)**

5.13.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar pproponiet li fin-nuqqas ta' attivitajiet, kawża tal-pandemija Covid-19, issir sessjoni ta' tindif volontarju.

5.13.3. Il-Kunsill qabel li din nhar is-Sibt 10 ta' Lulju 2021 bejn it-8.00am u l-10.00am.

### 5.14.1. Dawl adekwat fi Triq San Ġorġ u Triq il-Kannestru (E/1/3/Vol IV)

5.14.2. Il-Kunsillier I. Castillo ppropona li jiġi pprovdut dawl akwat fi Triq San Ġorġ kantuniera ma' Triq Salvu Camilleri, anke jekk ikun hemm il-ħtieġa li jitwaħħal arblu.

5.14.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li kien hemm lampa tat-triq ma’ bini li twaqqa’ u meta nbena mill-ġdid, is-sid kien oġġezzjona li jerġa’ jitwaħħal mal-proprjetà tiegħu.

5.14.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ġie avvinċinat dwar talba simili li tinvolvi Taraġ Snajjin, Triq il-Mezez u Triq il-Ħasira.

5.14.5. Il-Kunsill qabel li ż-żewġ proposti għandhom jiġu kkunsidrati.

### 5.15.1. Servizz ta’ ġbir ta’ skart domestiku (K/6/2/Vol V)

5.15.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li qed ikun hemm ilmenti minħabba li l-kuntrattur responsabbli mis-servizz imsemmi qed jiġma l-iskart f’ċerti postijiet, partikularment nhar ta’ Tnejn,

5.15.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-kuntrattur qed jingħata ħlas addizzjonali ta’ €60 (VAT eskluża) biex jaħdem bit-tieni scammel, proprju sabiex isiru ġabriet simultanji tal-borża s-sewda u hekk il-kolletturi ma jiġmgħux l-iskart f’ċerti postijiet.

5.15.4. Is-Sindku qal li huwa diġa tkellem mal-kuntrattur dwar din il-prattika inaċċettabbli.

### 5.16.1. Direzzjoni tat-traffiku fi Triq il-Qalb Imqaddsa (T/3/2/Vol XVI)

5.16.2. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa ġie avvinat bi proposta sabiex Triq Qalb Imqaddsa, bejn Triq il-Parroċċa u Triq it-Tramuntana. it-traffiku jinżel biss, filwaqt li Triq l-Isqof Pace tieħu traffiku fid-direzzjoni opposta. Din il-proposta saret peress li Triq il-Qalb Imqaddsa hija wieqfa ħafna.

5.16.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li s-sistema ta’ *two-way* fi Triq il-Qalb Imqaddsa, bejn Triq il-Parroċċa u Triq it-Tramuntana taħdem tajjeb kif inhi biex tgħaqqad ir-*roundabout* ta’ Triq Qasam Barrani ma’ l-istess toroq mingħajr dawrien żejjed.

5.16.4. Il-Kunsill ma laqax il-proposta skont il-minuta 5.16.2.

### 5.17.1. Parteċipazzjoni fil-*Queen’s Baton* (A/5/3/Vol XV)

5.17.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera għal imejl datat 29 ta’ April 2021, mibgħut mill-Kumitat Olimpiku Malti, fejn il-Kunsill ġie mistoqsi dwar jekk huwiex lest li jieħu sehem fil-*Baton Relay* li ser tkun Malta bejn il-11 u l-14 ta’ Ottubru 2021 qabel jibdew il-Logħob tal-Commonwealth li ser jiżvolġu f’Birmingħam l-Ingilterra.

5.17.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa, kif għamel f’edizzjonijiet oħra.

### 5.18.1. Użu tal-*multi-purpose court* fil-Park tal-Familja matul is-sajf 2021 (S/4/1/5)

5.18.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg aċċenna li kawża tal-pandemija Covid-19 ma setax isir taħrig fix-xhur tax-xitwa fil-Park tal-Familja mit-timijiet tal-basketball Libertas, tan-Netball, u l-Mellieħa Tritons. Għaldaqstant, dawn l-assoċjonijiet jixtiequ li jirkupraw dan in-nuqqas matul ix-xhur tas-sajf.

5.18.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg staqsa dwar jekk Sports Malta humiex ser ikunu qed jużaw l-istess faċilitajiet għall-proġett *Summer On The Move*.

5.18.3. Is-Sur K. Buttigieg wieġeb li Sports Malta naqqset il-postijiet fejn soltu jiżvolġu l-attivitajiet, minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija. Il-Mellieħa mhux ser tkun waħda mill-postijiet magħżula.

5.18.4. Il-Kunsill innota u approva t-tagħrif mogħti.

**5.19.1. Miżura 2 – EAFRD – *Strenghtening a Healthy Cultural Identity*** **(P/10/36)**

5.19.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf illi t-tagħmir li kien kofinanzjat taħt il-programm imsemmi issa qiegħed f'idejn il-Kunsill u għalhekk jista' jiġi ppreżentat lit-timijiet tan-Netball u tal-Baseball, li eventwalment ser jintuża minnhom fil-Park tal-Familja stess.

5.19.3. Il-Kunsill ta l-kunsens tiegħu sabiex it-tagħmir ikun jista' jintuża.

**5.20.1. Attività fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier** **(A/5/3/Vol VIII)**

5.20.2. Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier fl-20 ta' Ġunju 2021, jitqassmu *muffins* lir-residenti kollha nisa u rġiel f'dar il-Madonna tal-Mellieħa. Hija pproponiet li din l-edizzjoni tkun waħda ridotta fid-dawl tal-miżuri marbuta mal-Covid-19,

5.20.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

**5.21.1. *Webinar "Insaħħu l-Anzjanità Attiva"*** **(T/6/1/Vol IV)**

5.21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal stedina datata 5 ta' Mejju 2021, li saret mid-Dipartiment tal-Anzjanià Attiva u Kura fil-Komunità, għal webinar li seħħ fl-10 ta' Ġunju 2021, fejn fost temi oħra ġew trattati żewġ inizjattivi li jinvolvu t-tfal – *"School Grannies"* u *e-book* għat-tfal tal-ħames sena tal-Primarja, bit-titlu "X'se jagħmel Joe?".

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.22.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm** **(M/9/Vol VI)**

5.22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li l-*unit* żar il-Mellieħa fis-7 ta' Ġunju, u kien hemm 26 persuna li tat id-demm. Hija qalet ukoll li ż-żjara li jmiss hija fis-27 ta' Awwissu 2021.

5.22.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti..

**5.23.1. Hinijiet tal-Librerija Pubblika** **(L/4/Vol III)**

5.23.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-ħinijiet tal-ftuħ tal-Librerija Pubblika matul ix-xhur tas-sajf ikunu kif ġej:

| | |
|---|---|
| It-Tnejn u l-Ġimgħa | Mill-4.00pm sas-7.00pm |
| It-Tlieta | Mit-8.00am sa nofsinhar |
| L-Erbgħa | Mit-8.00am sa nofsinhar u mill-4.00pm sas-7:00pm |

5.23.3. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar jekk huwiex possibbli li l-liberija tinfetaħ is-Sibt ukoll. Is-Sinjura Brincat Stellini qalet li dik hija l-intenzjoni, iżda għad ma nstabitx persuna li tagħmel dan.

5.23.4. Il-Kunsill approva l-ħinijiet skont il-minuta 5.23.2. aktar 'il fuq u talb li dawn jiġu mgħoddija lill-Malta Libraries.

**5.24.1. Terrapien mwitti fuq iċ-Ċangar taħt Selmun** **(S/5)**

5.24.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 7 ta' Ġunju 2021 fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li twitta terrapien fuq iċ-Ċangar, li kien kopert b'ordni ta' konservazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar.

5.24.3. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li l-każ ġie mgħoddija lill-Ambjent Malta sabiex jiġi stabbilit jekk tistax tittieħed azzjoni minn naħa tagħhom.

5.24.4. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

**5.25.1. Tbattil tal-bins fi Triq Selmun** **(K/6/1/Vol V)**

5.25.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini tenniet li l-bins imsemmija mhux jitbattlu fil-ġranet stabbiliti. Hija qalet ukoll li l-iskart li qed jinġemgħa matul it-triq qed jitnaddaf minn voluntieri nvoluti fil-*clean-ups* li jiġu organizzati minn żmien għal żmien. Għaldaqstant, hija talbet li tirreġistra l-oġġezzjoni tagħha għall-approvazzjoni tal-kont li jmiss tal-kuntrattur konċernat.

5.25.3. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li nuqqasijiet tal-kuntratturi għandhom jiġu nnutati bħala parti mix-xogħol tal-*Contracts Manager*, li minn naħa tiegħu jrid jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar jekk għandux jgħaddi pagament sħiħ, jew le, abbażi ta' *default notices* li jkunu nħarġu mill-Kunsill.

**5.26.1. Jum il-Kunsill 2021** **(A/5/3/1/Vol XVII)**

5.26.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet li l-edizzjoni ta' Jum il-Kunsill 2021 issir f'Awwissu, fid-dawl tar-rilaxx eventwali ta aktar miżuri marbuta mal-pandemija Covid-19.

5.26.3. Il-Kunsillier I. Castillo qal li l-onorefiċenzi jistgħu jingħataw anke mingħajr ma ssir ċerimonja, jekk iċ-ċirkostanzi ma jkunux jippermettu.

5.26.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg ikkumenta li Ottubru huwa iktar addattat ħalli jkun hemm żmien biżżejjed biex isiru t-tħejjijiet meħtieġa. Huwa qal ukoll li hemm il-possibiltà li sa dakinhar ikun possibbli li ċ-ċerimonja ssir ġewwa.

5.26.5. Il-Kunsill approva l-proposta skont il-minuta 5.15.4. aktar il fuq.

**5.27.1. Tabelli b'rabta ma' permessi maħruġa** **(A/6/3/1/Vol 135)**

5.27.2. Il-Kunsillier G. Micallef qal li jkun hemm diversi permessi għall-użu ta' makkinarju fit-toroq, li b'rabta magħhom jingħataw tabelli sabiex ma jsir ipparkjar. Ikun hemm minn dawn iħallihom fuq il-post għal diversi jiem wara li jkun sar ix-xogħol. Huwa staqsa dwar jekk huwiex possibbli li jsir xi ħaġa biex tiġi kkontrollata din in-negliġenza, forsi anke permezz ta' multa.

5.27.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-impożizzjoni ta' multi mhuwiex possibbli fl-assenza ta' liġi li tawtorizza li jsir hekk. Huwa qal ukoll li l-Kunsill m'għandux ir-riżorsi li jara li dawn it-tabelli jitneħħew hekk kif jitlesta x-xogħol. Li jista' isir huwa illi tiġi nkluża nota mal-permess li tfakkar lid-detentur sabiex ineħħi l-avviżi li jkunu skadew.

**5.28.1. Ħidma tal-*Contracts Manager*** **(K/6/1/Vol V)**

5.28.2. Għal din parti tas-seduta attenda l-*Contracts Manager* is-Sur R. Mercieca.

5.28.3. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li jidher biċ-ċar illi l-kuntrattur inkarigat mill-ġonna u *soft areas* mhux jalloka ħin biżżejjed lil lokalità biex ilaħħaq ma' l-esiġenzi li jitlob il-kuntratt. Kompliet tgħid li mhux iżomm ma' l-iskedi stabbiliti fil-kuntratt, filwaqt li qed jirreġixxa biss meta jiġi ndikati nuqqasijiet.

5.28.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li huwa importanti li jiġu segwiti l-iskedi tax-xogħol, u nuqqas ta' osservanza tagħhom ikun reġistrat permezz ta' *default notices*, li finalment jissarfu fi tnaqqis mill-pagamenti.

5.28.5. Is-Sur R. Mercieca qal li jkun tajjeb illi ssir laqgħa mal-kuntrattur biex jiġu jdentifikati d-diversi nuqqasijiet li hemm.

5.28.6. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini kkummenta li l-kuntrattur qiegħed ripetotatment jonqos mill-obbligi kuntrattwali tiegħu fil-każ ta' Selmun.

5.28.7. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li fil-każ ta' kuntratti bħal dawk tal-ġonna, il-knis tat-toroq urbani u rurali, u tal-latrini pubbliċi, jeħtieġ li jsiru *random spot checks* mal-kuntrattur konċernat, bla avviż minn qabel.

5.28.8. Intqal li fir-rigward tal-kuntratt dwar it-tindif ta' toroq urbani, qed jiġi osservat li l-kuntrattur jaqbeż xi toroq mill-iskeda, peress li jinqalgħu esiġenzi ndikati lilu u jintalab jittrattahom b'urġenza. Mid-diskussjoni li żvolġiet fuq dan l-aspett, il-fehma ġenerali kienet li nuqqas ta' kuntrattur wieħed m'għandux m'għandux jiġi rimedjat bl-involviment ta' kuntrattur ieħor. Kemm-il darba l-iskedi tal-knis jiġu osservati strettament, m'għandhom jinqalgħu eżiġenzi ta' ċertu gravità li jeħtieġa nterventi urġenti.

## 6.1. Użu tal-Irżiezet ta' Selmun **(P/10/3A)**

6.2. Is-Sindku D. Vella qal li saru żewġ laqgħat mal-President tal-Koperattiva Produtturi tal-Bhejjem, fejn kienu preżenti l-Viċi Sindku J. Buttigieg u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. L-iskop tal-laqgħa kien sabiex jiġi stabbilit l-għan preċiż għalxiex il-koperattiva trid tagħmel użu mill-binjiet imsemmija. Jidher li l-intenzjoni hija li dawn jużaw għal skop amministrattiv, u biex jiġu promossi prodotti bħal ġbejniet u għasel, filwaqt li temporanjament jintwerew xi bhejjem.

6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono ġibed l-attenzjoni li fil-kuntatti li kien hemm sar emfasi fuq il-punt li wieħed għandu jkun kawt bil-preżenza ta' ċerti bhejjem, għaliex dawn jistgħu jikkawżaw inkonvenjent. Fin-nuqqas ta' permessi għal dan l-iskop, fl-aħħar mill-aħħar dawn l-ilmenti jrid iwieġeb għalihom il-Kunsill, billi l-bini huwa devolut lilu.

6.4. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li għandu jintalab pjan ta' ħidma mingħand il-koperattiva.

6.5. Il-Kunsillier M. Abela fakkar li l-Kunsill kien wiegħed li wieħed mill-irżiezet jintuża bħala refuġju temporanju għall-qtates li attwalment jinsabu madwar il-binja tal-Mellieħa Bay Hotel li ser titwaqqa'.

6.6. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li bin-nuqqas ta' użu l-istat ta' irżiezet qed jiddeterjora b'rata mgħaġġla. F'dan l-istadju, il-Kunsill għandu jara li l-Awtorità tal-Artijiet taqbel fil-prinċipju għall-użu in kwistjoni. Huwa aċċenna wkoll li fil-kuntatti li kien hemm mal-koperattiva ġie ndikat li l-irżieżet mwiegħda lill-Ambjent Malta u għall-qtates tal-Mellieħa Bay Hotel, mhux ser ikunu affettwati b'xi ftehim li jista' ikun hemm magħhom.

6.7. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni li koperattiva hija essenzjalment entità kummerċjali, u għalhekk għandu jinkiseb parir legali dwar jekk din tistax tiġi allokata mingħajr ma tinħareġ sejħa pubblika.

6.8. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar ikkummentat li fir-rigward tat-talba li saret minn Ambjent Malta ma tarax problemi kif qed tiġi trattata, iżda fil-każ tal-koperattiva temmen li għandha tiġi pproċessata b'mod divers.

6.9. Wara aktar diskussjoni, kien hemm qbil li l-Awtorità tal-Artijiet għandha tiġi nfurmata bit-talba u b'hekk tingħata ġwida kif għandu jitkompla l-proċess.

## 7.1. Servizz dwar il-ġbir tal-iskart riċiklabbli **(K/6/11)**

7.2. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rrefera għall-problemi li nqalgħu fir-rigward tal-ġbir tal-iskart riċiklabbli li meta wieħed jidħol f'dak li ġara eżattament jinduna li kien kawża tal-

istruzzjonijiet mogħtija mill-Wasteserv sabiex il-kolletturi kollha jiddisponu mill-iskart fl-Impjant ta' Sant' Antnin f'Wied il-Għajn. Billi t-triq twalet konsiderevolment il-kolletturi ma baqgħalhomx ħin biżżejjed biex imorru jħottu f'Sant' Antnin, bir-riżultat li bdew iħallu skart f'diversi postijiet.

7.3. Għaldaqstant fid-9 ta' Ġunju 2021 saret laqgħa ma' uffiċjal mill-GreenPak, bil-għan li tiżdied il-kapaċità f'dawk li huma scammels biex jiġi żgurat li l-iskart jinġabar kollu. Minn kuntatti li kien hemm ma'sidien ta' stabbilimenti rriżulta li dawn kellhom kuntratturi li waqfu jieħdilhom l-iskart, bir-riżultat li issa qed jistennew s-servizz mingħand l-kuntrattur tal-iskema msieħeb fiha l-Kunsill.

7.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li GreenPak qed isostnu li l-kuntrattur imqabbad minnhom għandu jibqa'jirrendi s-servizz bil-mezzi eżistenti minkejja li għandu toroq itwal. Dan għaliex ġie aġevolat fuq servizz ta' ġbir ieħor li huwa jirrendi f'lokalitajiet fin-nofsinhar ta' Malta. L-istess uffiċjal tal-GreenPak qalet li huma ser jikkuntattjaw lill-kuntrattur tagħhom u jgħarrfuħ bil-pożizzjoni tal-iskema dwar is-sitwazzjoni.

7.5. Is-Segretarju Eżekuttiv aċċenna li GreenPak qed isostnu wkoll li l-iskart tal-ippakkeġġjar iġġenerat minn stabbilimenti kummerċjali bħala huma bars u stabbilimenti li jservu għandu jkun kopert minn kuntrattur privat.

7.6. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet, filwaqt li ddeċieda li għandha tintalab laqgħa oħra sabiex jiġi stabbilit jekk ittieħditx azzjoni wara l-laqgħa msemmija fil-minuta 7.3. aktar 'il fuq.

## 8.1. Rendikont Finanzjarju – Jannar / Marzu 2021 (F/1/1/Vol IV)

8.2. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li d-dħul tal-Kunsill bejn Jannar u Marzu 2021 kien jammonta għal €335,009, kontra nefqa ta' €316,116, u hekk irriżulta bilanċ pożittiv ta' €18,893.

8.3. Spjega li l-Assi Kurrenti (*Current Assets)* naqsu bi ftit mit-tliet xhur ta' qabel u kienu jammontaw għal €1,477,819 - tnaqqis ta' €8,498. Dawn kienu jikkonsistu f'€1,271,119 flus miżmuma f'kontijiet bankarji; €185,248 kien l-ammont li l-Kunsill kellu jdaħħal; u €21,452 huma stokks ta' kotba.

8.4. Il-*Current Liabilities* niżlu fil-livell ta' €1,477,819 (Diċembru 2020 - €1,486,317). Dawn jikkonsistu minn:

- Kontijiet pendenti *(Payables)* li jidhru fuq il-kotba, kif ukoll stima ta' spejjeż *(accruals)* marbuta ma' servizzi jew materjal mixtrija li kienu għadhom ma jidhrux fuq il-kotba;

- Kien hemm ukoll *Deferred Income* ta' €310,201, li jirrappreżenta diversi ftehim dwar għotjiet li l-Kunsill iffirma ma' entitajiet differenti b'rabta ma' proġetti li jew għandhom fi stat ta' implementazzjoni, jew l-proċeduri amministrattivi marbuta magħhom għandhom ma ġew konklużi. Element ewlieni fid-*deferred income* huma fondi Ewropej marbuta mal-Batterija ta' Westreme (Mużew tat-Tunnara), fost oħrajn.

8.5. Ġie spjegat li meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni l-fatturi kollha msemmija, jirriżulta li l-Indikatur tas-Sitwazzjoni Finanzjarja kien ta' 70% - żieda ta' 7% fuq il-perċentwali reġistrat fil-kwart preċedenti.

8.6. F'dak li jirrigwarda *Plant and Equipment,* bejn Jannar u Marzu, ġew kapitalizzati b'kemm jiswew €6,738 ta' Assi Permanenti (*Fixed Assets),* filwaqt li ma kienx hemm *Disposals*.

8.7. Il-valur oriġinali tal-Assi Permanenti *(Fixed Assets)* kollha akkwistati sal-aħħar ta' Marzu 2021 kien ta' €9,916,414, li meta wieħed jikkalkula d-deprezzament fuqhom sa tmiem l-istess xahar, il-valur tagħhom fil-kotba (*Net Book Value)* kien ta' €2,209,745.

8.8. Wara l-ispjegazzjoni li ngħatat, il-Kunsill approva r-rappart u talab li dan jiġi mtellgħa fis-sit elettroniku tal-Kunsill kif mitlub.

## 9.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

9.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 11 ta' Ġunju 2021.

9.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

9.4. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l-10 ta' Mejju u t-12 ta' Ġunju 2021.

9.5. Tressqet ukoll skeda ta infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn il-11 ta' Mejju u t-12 ta' Ġunju 2021.

9.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u_l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, is-seduta spiċċat fil-10.45 pm u l-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tnejn 12 ta' Lulju 2021 fis-6.00 pm.

Dario Vella
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**